**235. Il-Prim Ministru l-Onor. Eddie Fenech Adami jipproponi**:

Billi s-subartikolu (1) tal-artikolu 61 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi l-Kummissjoni Elettorali għandha tirrevedi l-konfini tad-distretti elettorali msemmija fl-artikoli 56 (1) tal-istess Kostituzzjoni b'intervall ta' mhux anqas minn sentejn u mhux iżjed minn ħames snin u tista', skont id-dispożizzjoni tal-istess artikolu tbiddel dawk il-konfini safejn tqis mixtieq skont ir-riżultat tar-reviżjoni;

U billi fit-tlieta ta' Mejju 1990 il-Kummissarju Elettorali Prinċipali għarraf lill-Prim Ministru bit-tibdil magħmul mill-Kummissjoni Elettorali għall-konfini tad-distretti elettorali billi tah kopja tar- Rapport tal-istess Kummissjoni li jġib l-istess data tat-3 ta' Mejju 1990;

U billi kif jitlob is-subartikolu (3) (b) tal-istess artikolu 61 tal-Kostituzzjoni l-Prim Ministru poġġa fuq il-Mejda tal- Kamra tad-Deputati kopja tal-istess rapport fis-seduta tal-14 ta' Mejju 1990;

U billi s-subartikolu (3) (c) tal-istess artikolu 61 jipprovdi li mhux aktar tard minn ħames xhur wara li l-Prim Ministru jirċievi dak it-tagħrif il-Kamra tista' b'riżoluzzjoni jew tapprova t-tibdil jew tibagħtu lura lill-Kummissjoni biex terġa' tikkunsidrah mill-ġdid;

Għalhekk din il-Kamra għall-fini tal-imsemmi artikolu 61 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u għall-finijiet kollha tal-istess Kostituzzjoni u ta' kull Liġi oħra b'din ir-riżoluzzjoni tapprova l-imsemmi rapport tal-Kummissjoni Elettorali datat 3 ta' Mejju 1990 bit-tibdil kollu li fih.

05.06.1990